

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: C. Berardis-Kayser u G. Gattinara, aġenti, assistiti minn A. Dal Ferro, avukat)

### Suġġett

Talba għall-annullament tad-deċiżjoni li tiġi miċħuda t-talba tar-rikorrenz sabiex jikseb kumpens għad-danni sostnuti minħabba li l-konvenuta bagħtet ittra rigward ir-rikorrenz lill-avukat tiegħu flimkien ma' talba għad-danni.

### Dispożittiv

- (1) Ir-rikors huwa miċħud bħala, parzjalment, manifestament inammissibbli u, parzjalment, manifestament infondat.
- (2) L. Marcuccio għandu jbati l-ispejjeż tiegħu u huwa kkundannat ibati l-ispejjeż sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.
- (3) L. Marcuccio huwa kkundannat iħallas lit-Tribunal is-somma ta' EUR 2 000.

### Digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tieni Awla) tas-17 ta' Ottubru 2013 — Marcuccio vs Il-Kummissjoni

(Kawża F-145/12)

(Servizz pubbliku — Artikolu 34(1) u (6) tar-Regoli tal-Proċedura — Rikors ippreżentat bil-faks fit-terminu għall-preżentata tar-rikors miżjud bit-terminu ta' għaxart ijiem għal raġunijiet ta' distanza — Rikors ippreżentat bil-posta fl-għaxart ijiem ta' wara — Assenza ta' identità bejn wieħed u l-ieħor — Tardività tar-rikors)

(2014/C 71/71)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

### Partijiet

Rikorrenz: Luigi Marcuccio (Tricase, l-Italja) (rappreżentant: G. Cipressa, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

### Suġġett

Talba għall-annullament tad-deċiżjoni ta' każda tat-talba tar-rikorrenz fir-rigward taż-żieda tal-pensjoni tal-invalidità tiegħu.

### Dispożittiv

- (1) Ir-rikors huwa miċħud bħala manifestament inammissibbli.
- (2) L. Marcuccio għandu jbati l-ispejjeż tiegħu stess.

### Digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tieni Awla) tat-12 ta' Diċembru 2013 — JJ (\*) vs Il-Kunsill

(Kawża F-47/13) <sup>(1)</sup>

(Servizz pubbliku — Uffiċjali — Promozzjoni — Proċedura ta' promozzjoni 2012 — Deċiżjoni li r-rikorrenz ma jgħix promoss — Trasferiment interistituzzjonali matul il-proċedura ta' promozzjoni li tippreċedi dik li matulha deċiżjoni ta' promozzjoni possibbli kien ikollha effett — Istituzzjoni kompetenti sabiex tiddeċiedi dwar il-promozzjoni tal-uffiċjal ittrasferit)

(2014/C 71/72)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

### Partijiet

Rikorrenz: JJ (\*) (rappreżentanti: M. Velardo, avukat)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: M. Bauer u A. Bisch, aġenti)

### Suġġett

Talba għall-annullament tad-deċiżjoni li r-rikorrenz ma jgħix inkluż fil-lista tal-uffiċjali tal-grupp ta' funzjonijiet AD proposti għal promozzjoni fl-2012.

### Dispożittiv

- (1) Ir-rikors huwa miċħud bħala manifestament infondat fid-dritt.
- (2) JJ (\*) għandu jbati l-ispejjeż tiegħu u huwa kkundannat għall-ispejjeż sostnuti mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.

<sup>(1)</sup> ĠU C 207, 20.7.2013, p. 63.

### Digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tas-27 ta' Jannar 2014 — Loescher vs Il-Kunsill

(Kawża F-134/12) <sup>(1)</sup> 1

(2014/C 71/73)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Il-president tat-Tielet Awla ordna t-tħassir tal-kawża.

<sup>(1)</sup> ĠU C 26, 26.1.2013, p. 74.

(\*) Informazzjoni mħassra jew mibdula fil-qafas ta' protezzjoni ta' data personali u/jew kunfidenzjalità.